MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1335/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**
**Annise Bejaoui ta' 18-il sena, bin Driss Ben Ahmed Bejaoui u Grace nee' Xuereb, imwieled Pieta fit-23 ta' Lulju 1989, li joqghod 38, Triq Doni, Rabat, detentur tal-karta ta'l-identita numru 387889(M) u presentament residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Annise Bejaoui li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Gunju 2006 mill-foss f'Misrah Mesquita, Mdina ikkometta serq ta' par tarek tar-

registrazzjoni, bin-numru IBF916, minn vettura tat-tip Volkswagen Polo, li iggib l-istess numru, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' William Hammet;

2. iktar talli fit-22 ta' Gunju 2006 u/jew fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg (par tarek tar-registrazzjoni bin-numru IBF916) misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; liema tarek tar-registrazzjoni kienu gejjin minn serq ikkawlifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

3. ghamel uzu minn vettura ta'l-ghamla Daewoo Racer b'tarek tar-registrazzjoni foloz u cioe' bin-numru ta' registrazzjoni IBF916 li m'humiex registrati fuq l-istess vettura.

4. saq l-istess vettura ta'l-ghamla Daewoo Racer minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta.

5. ghamel uzu minn karozza Daewoo Racer minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita kompetenti sabiex tintuza fit-triq bi ksur ta'l-Artikolu 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, w aktar meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur ta'l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. kellu fil-pussess tieghu u jew taht il-kontroll tieghu arma bix-xafra u bil-ponta, cioe' sikkina minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

7. kiser ordni ta' probation ai termini ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta's entenza datata 9 ta' Dicembru 2004, liema sentenza saret defintiva w ma tistax tinbidel.

8. u finalment talli sar recidiv ai termini ta'l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja (fol.22).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat saq vettura tal-ghamla Daewoo Racer kulur maroon u dana b'par tarek ta' registrazzjoni appartenenti ghal vettura ohra tal-ghamla Wolkswagen Polo proprjeta' ta' certu William Hammett. Dina l-vettura instabet hdejn l-istabbiliment ta' Bonnici Brothers gewwa Burmarrad fi Triq is-Sardin wara li persuna certu Vincent McNerney (ara xhieda a fol.29 et.seq.) irraporta illi din il-vettura suspettuza kienet ilha xi ftit jiem wieqfa f'post fejn solitu jipparkeggjaw biss il-vetturi s-sidien ta' dana l-istabbiliment. Minn investigazzjonijiet illi ghamlu il-pulizija huma stabbilew illi dina l-vettura Daewoo kienet tappartjeni lil certu Joseph Xuereb (illum mejjet) li jigi in-nannu matern ta'l-imputat. Fil-fatt meta gie mitkellem dana Xuereb infurmhom illi huwa kien ilu ma isuq dina l-vettura ghal dawn l-ahhar sentejn u fil-fatt huwa kien izommha iggaraxxjata gewwa ghalqa proprjeta tieghu fl-Imtahleb. Kienet omm l-imputat stess Grace Bejaoui li indikat lill-pulizija illi l-vettura setghet insterqet minn binha stess, li kien diga ikkometta reati ohra simili u gie ikkundannat ghall-istess, u anke indikatilhom fejn seta' jinstab l-imputat. Fil-fatt il-pulzija arrestaw lill-imputat fl-appartament fejn kienet indikatilhom dina Grace Bejaoui. Ghandu jinghad ukoll illi f'dina il-vettura l-pulizija sabu sikkina, balaklava, par ingwanti u nuccali, liema oggetti gew elevati u huma esebiti bhala Dokument AB10 fl-atti processwali.

Fl-istqarrija tieghu, (esebita a fol 62 et. seq. – Dokument AB6) l-imputat jammetti illi fil-fatt huwa ha dina l-vettura mill-ghalqa ta' nannuh ghaliex kien bi hsiebu juzaha sabiex imur party gewwa il-Wiseguys Bar ta' Bugibba. Peress illi dina l-vettura ma kellhiex it-tarek bin-numri ta' registrazzjoni, huwa waqaf hdejn il-Kazin tal-Labour gewwa ir-Rabat fejn iltaqa' ma' certu Kinotto u staqsieh

jekk dana kellux xi par tarek ghalih. Dana il-Kinotto, skond l-imputat, mar seraq dawna it-tarek minn vettura li kienet tinstab l-Imdina u ghaddiehom lill-imputat. L-imputat ighid li hallas Lm1.50 lil dana il-Kinotto ghal dawna it-tarek. Fix-xhieda tieghu Kenneth Borg, li ighid li huwa imsejjah bhala il-Kinotto, jichad dana l-involviment u jiddikjara illi lill-imputat huwa ma jafux, izda jiftakru meta kienu tfal. F’dina l-istqarrija l-imputat ighid illi peress illi dina l-vettura spiccat minghajr fuel, huwa ghalhekk ipparkeggjha fil-parking area ta’l-istabbilment li kien maghruf bhala il-Price Club, gewwa Burmarrad, u telaq lejn ir-Rabat lura id-dar bil-mixi. Meta gie mistoqsi kif jispjega il-fatt illi l-vettura nstabet iktar ‘il isfel gewwa Triq is-Sardin, huwa ighid illi dana l-fatt huwa ma jistax jaghti spjegazzjoni ghaliha ghaliex huwa fil-fatt hallieha hdejn il-Price Club. Ghalkemm ighid illi kien jaf illi fil-vettura kien hemm sikkina u li n-nuccali huwa tieghu, pero’ ighid illi ma jaf xejn dwar il-balaklava u il-par ingwanti u li dawn ma humiex tieghu.

Illi minn dawn il-provi, il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta illi l-imputat fil-fatt xtara it-tarek misruqa u uzahom sabiex isuq il-vettura tal-ghamla Daewoo fit-triq. Inoltre jirrizulta ukoll ippruvat (ara xhieda Brian Farrugia fol.37 et. seq kif ukoll certifikat tat-twelid ta’l-imputat fol 3 ), illi fid-data tar-reat, l-imputat kellu biss hmistax-il sena u ghalhekk certament ma setax ikollu licenzja tas-sewqan u lanqas kopertura minn xi assigurazzjoni. Inoltre jirrizulta illi l-licenzja ghat-triq ta’ dina l-vettura skadiet f’Ottubru 2003. Ma jirrizultax madanakollu mill-provi imressqa mill-prosekuzzjoni illi kien l-imputat illi seraq dawn il-par tarek, ghalkemm fl-istqarrija huwa jammetti illi xtrahom meta kien jaf li kienu misruqa u uzahom. Ghalhekk ghalkemm l-ewwel imputazzjoni certament ma gietx ippruvata, madanakollu it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet huma ippruvati.

Ghar-rigward tas-sitt imputazzjoni, jirrizulta illi is-sikkina in kwistjoni instabet f’dina l-vettura li kien qieghed isuq l-imputat. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ighid illi huwa kien jaf illi kien hemm dina is-sikkina fil-vettura ghalkemm ma ighidx illi qieghda hemmhekk hu. Mix-xhieda ta PS 1225 Mario Fenech inoltre jidher illi l-imputat ma huwiex

licenzjat biex igorr dina it-tip ta’ arma. Ghalhekk ghalkemm huwa minnu kif issostni id-difiza illi ma hemmx prova illi dina s-sikkina kienet ta’l-imputat, madanakollu jidher illi huwa kien ben konsapevoli tal-fatt illi f’dina il-vettura kien hemm sikkina, liema sikkina huwa ma nehhiex mill-vettura, izda garrha mieghu. Ghalhekk l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata peress illi l-ligi tirrikjedi semplici pussess. Gialadarba l-imputat kien jaf illi kien qieghed igorr dina is-sikkina mieghu, kwindi il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dina l-akkuza ukoll.

Fl-ahharnett ghar-rigward ta’l-ahhar zewg imputazzjoni, ghandu jinghad illi l-imputat jidher illi ilu li qabad dina it-triq tad-delinkwenza ghal dawn l-ahhar erba’ snin u dana minghajr ma jidher illi huwa lest li jindem jew li jibdel hajtu. Tant hu hekk illi sahansitra kiser ordni ta’ probation imposta fuqu ai termini ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana b’sentenza moghtija fid-9 ta’ Dicmebru 2004 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (ara xhieda Spettur Romina Veneziani a fol.91 u is-sentenza a fol. 93 Dokument AB ). L-ordni kienet giet imposta fuqu ghal zmien tlett snin mid-9 ta’ Dicembru 2004, u dana ir-reat sehh f’Gunju 2006. Kwindi s-seba imputazzjoni ukoll tirrizulta ippruvata. Dana jista’ jinghad ukoll ghat-tmien imputazzjoni u dana mid-diversi sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni. (Dokumenti AB7, AB8, AB9).

Illi ghar-rigward tal-piena, il-Qorti ma tistax ma tehux in kosniderazzjoni l-fatt illi mill-fedina penali ta’l-imputat jidher illi ghalkemm huwa inghata diversi opportunitajiet mill-qrati taghna sabiex jirriforma hajtu, huwa xorta wahda baqa’ ighix il-hajja tad-delinkwenza ghalkemm ghadu ta’ eta tenera hafna. Fil-fatt l-imputat bhal issa qieghed jiskonta piena karcerarja gewwa il-Habs Civili. Jidher madanakollu illi huwa beda jipprova jaghmel xi haga pozittiva f’hajtu ghalkemm jinsab il-habs, u qieghed isegwi kors fi hdan l-MCAST. Ghalhekk il-Qorti fic-cirkostanzi, ghalkemm l-imputat huwa recidiv u kiser ordni ta’ probation imposta fuqu, thoss illi ma ghandhiex tinfliggi il-piena fil-massimu taghha.

Il-Qorti ghalhekk qieghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 49, 50, 267, 285, 289, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 15(1)(a)(b)(2)(3) u 61 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, issibu hati tat-tieni, tielet, raba', hames, sitt, seba' u tmien imputazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta' ghaxar xhur prigunerija u multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50), b'rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs Civili illi l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex ikun jista' ikompli l-istudji tieghu mal-MCAST. Il-Qorti qieghda finalment tiskwalifika lill-imputat milli jikseb jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------